Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 57**
**Tlieta 26 ta' Settembru**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi :  Kunsillier
Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Romina Galea :  Viċi Sindku
Jean Claude Borg :  Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Maurice Agius :  Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

57.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Maurice Agius. Il-kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

57.2.01 Il-minuti tas-seduta L8-56 ittieħdu bħala moqrija.
Ġiet miżjuda il-minuta 56.5.07
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

57.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti dwar Tournament tal-Futbol SEA-EU li qed jiġi organizzat mill-Università ta' Malta flimkien mal-Kunsill Reġjonali tal-Lvant u l-Kunsill Lokali tal-Imsida bħala parti mir-Reġjun Ewropew tal-Isport 2023. Dan se jsir bejn nhar it-Tnejn 20 u t-Tlieta 21 ta' Novembru 2023. L-avveniment se jintegra s-SEA-UE 2.0 mal-komunità u l-ekosistema lokali, u jikkontribwixxi għat-titjib tal-benesseri tas-soċjetà billi jgħaqqad aktar fil-fond ma' partijiet interessati differenti fis-soċjetà u billi jinvolvi membri ta' klabbs lokali, kunsilli tal-bliet, NGOs, eċċ. Għal din ir-raġuni s-sindki, kunsilliera, jew ħaddiema tal-amministrazzjoni mit-tnax-il Kunsill Lokali fir-reġjun tal-Lvant qed jiġu avviċinati biex jingħaqdu sabiex ikun hemm mill-inqas, persuna waħda minn kull lokal. Dawk interessati li jipparteċipaw jistgħu japplikaw sa mhux aktar tard sas- 6 ta'Ottubru.

57.3.02 B'referenza għal minuti 51.5.01 u 52.4.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-persuna għamlet rikors bill-Qorti msejjaħ fil-15 ta' Novembru 2023 dwar it-talbiet tagħha għal-danni minn żewġt inċidenti separati.

57.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni dwar talba mingħand ir-Regjun lvant għal Informazzjoni: Identifikazzjoni ta' Artiġjani Tradizzjonali Lokali għal proġett tal-kalendarju. Hawn spjegat kif bħalissa hemm il-hsieb li l-kalendarju ta' 2024 juri nies tas-sengħa tradizzjonali li qed jippreservaw u jipprattikaw s-sengħa antika li huwa parti integrali mill-wirt kulturali tar-reġjun. Dan jista jinkludi skrapan, bizzilla u ganutell, ceramika u fuħħar, madum ta' Malta, pavaljun jew armar tal-festi, Gallarija (Naġġar), logħob tan-nar, furnara, stampatur, pasturi / bambini, xogħlijiet ta' skulturi tal-ġebel u oħrajn. L-għan ewlieni huwa sabiex jippromwovi r-Reġjun tal-Lvant bħala ċentru ta' sinifikat kulturali kif wkoll li juri il-lokalitajiet fi ħdanu. Barra minn hekk, se jkun hemm inkluż inizjattivi ta' ġbir ta' skart li jikkontribwixxu għal prattiki sostenibbli fil-komunità.

57.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand r-Regjun lvant dwar kampanja għal bini ta’ reġistru ta’ talenti kreattivi kif previst fl-istrateġija kulturali tiegħu. Il-parteċipazzjoni fir-reġistru hija b’xejn u min jinkiteb ikun qed jingħaqad ma’netwerk li joffri pjattaforma biex jaqsmu x-xogħol tagħhom, jingħaqdu ma’ artisti sħabhom, jikkollaboraw fuq proġetti, u potenzjalment jiksbu viżibilità permezz ta’ wirjiet u avvenimenti. B'hekk qed joffri opportunitajiet aħjar għat-titjib tal-vjaġġ kreattiv ta' diversi professjonijiet jew dilettanti li jvarjaw minn pittur, mużiċist, kittieb, żeffien, minn disinjaturi għal artisti ta' teknoloġija ġdida. Dan isservi wkoll sabiex jiffaċilita kuntatti għat-tfassil tal-programm ta’ attivitajiet tas-sena tal-kultura (minuti 56.3.06) u kif ukoll isservi bħala legat ta’ wara l-2024.

57.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni mill-aġenzija għall-enerġija u l-ilma (Meee) dwar s-sessjonijiet ta' informazzjoni relatati mal-espansjoni tal-infrastruttura ghal- iċċarġjar tal-vetturi elettriċi li saret f'Lulju, fejn l-aġenzija ħadet abbord is-suġġeriment fil-lista li jinkludu siti li diġà ġew rakkomandati mill-Kunsilli Lokali fosthom go Misraħ il-Barrieri, Triq il-Qawsalla,Triq G.Schranz, Triq A.Ferris, Triq is-Swatar, Triq Indri Grima, Triq Censu Farrugia, Triq il-Kunċizzjoni , Triq Innocenz Zammit u Triq C. De Brocktorff. Hawn spjegat li fil-lista kien hemm ukoll siti li jaqaw taħt il-ġurisdizzjoni tal-Universita’ jew l-isptar u oħrajn fejn se jkun hemm il-proġetti tal-IM fl-Msida Creek u tal-Project Green go Pjazza Victor Denaro li dwarhom ġew infurmati biex jieħdu nota.

57.3.06 B'referenza ghal-minuti 52.5.01, dwar Triq il-Knisja (Imsida) u Triq Patrick Holland (Ta‘ Xbiex), Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-kunsill kiteb lill Kumissjoni elettorali f'rigward tal- anomaliji msemmija filwaqt li qed tivverifika dwar Triq l-Università u Triq Bieb it-Torri fil-konfini mal-Gzira u dik ta' San Ġwann tal-Għorghar.

**57.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

57.4.01 B'referenza għal minuti 56.3.01, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet dwar in-nomina tas-Sna Doris Pace għal premju Anzjanità Attiva 2023.
Is-Sur Jean Claude Borg wieġeb li fi żmien li kien għad fadal ma' laħaqx.

57.4.02 B'referenza għal minuti 56.3.03, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fakkret lill kunsilliera preżenti dwar seminar 'Clean Localities - Our Shared Responsability' li r-Regjun Lvant qed jorganizza għal nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ottubru 2023 sabiex dawk interessati jikkonfermaw l-attendenza.
Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar arranġament fir- rigward t’appartamenti tal-kiri sabiex tingħad l-informazzjoni dwar abbużi ta’ skart lil MTD meta Regjun jirċievi rapporti relatati mill kunsill lokali f' ħdanu.

57.4.03 B'referenza għal minuti 56.3.06, ġiet mgħoddija lill kunsilliera kopja tal- preżentazzjoni li tiddeskrivi l-programm preliminarju ta’ attivitajiet għall-inizjattiva relatata ma’ Reġjun tal-kultura 2024.

57.4.04 B'referenza għal minuti 56.3.07,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li Transport Malta approvat l-applikazzjoni bil-proposta tal-Kunsill Lokali L-Imsida għal l-iskema ta' fondi marbuta mal- European Mobility Week 2023 li ġiet implimentata kif deskritt nhar il-Ġimgħa 22 ta ‘Settembru. Filwaqt li l-parteċipazzjoni kienet waħda tajba ħafna, żviluppat sitwazzjoni fl- immaniġġjar ta’ traffiku fejn ir-rappreżentanti tal-kunsill b'konsultazzjoni mal-uffiċjali preżenti ħadu deċiżjoni sabiex tinfetaħ it-triq.

Is-sur Nicholas J Chircop tkellem dwar dak li gara fejn minkejja li kien hemm konsultazzjoni mal-pulizija u Transport Malta dwar l-immaniġġjar ta' traffiku jidher li fil-ġurnata l-uffiċjali li suppost kienu qed jieħdu ħsieb ma' għamlux kollox skond dak pjanat għax għalqu Triq Ix-xatt Ta 'Xbiex minn fejn Triq Abate Rigord u bdew jdawru lura it-traffiku lejn il-Gzira minflok ħallew kif suppost il-vetturi żgħar privati li jaslu u jduru minn go Triq Antonio Bosio ghal Rue D'Argen. Din fil-fatt nfetħet mill- pulizija tat- traffiku għal xi 7:30 p.m wara li Segretarju Eżekuttiv mar u għarrafhom li din il-parti tat- triq mhux suppost ngħalqet tant li mal-barriers hemm tabelli apposta juru d-direzzjoni iżda dak il-ħin is-sitwazzjoni li żviluppat tant ġiet barra mil-kontroll li ftit wara l-iskate boarders ħassew li għandhom jieqfu u ġie deċiż li tinfetaħ it-triq. Barra minn hekk għadu ma' jistax jifhem kif minn Triq Mikiel Anton Vassalli ma' kienx ġej traffiku meta din suppost kienet miftuħa għal Belt Valletta. Ma dan żied jgħid li huwa xieraq li jkun hemm attività bħal li toffri għal ftit ħin spazju mingħajr traffiku li kienet apprezzat minn ħafna iżda huwa ukoll ta' dispjaċir meta tinnota li hemm residenti oħra li ma'japprezzaw xejn u imaqdru kull ma' jsir fuq il-media soċjali.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied bi spjega dwar immaniġġjar ta' traffiku propost li ġie mplimentat kif kien approvat u t-triq ngħalqet għal 4:30 p.m filwaqt li fl-istess ħin il-pulizija preżenti tkellem ma' xi xufiera tal-linja li qalu li ma' kienx hemm x'istruzzjonijiet f'dan ir-rigward għalhekk talab li dawn javżaw il-kontroll room. Spjega ukoll kif għal ħabta tal 5:45 p.m mar il-kunsill u minn hemm saq il-Van sal-pjazza minn Rue D'Argen u dar ma' Triq il- Knisja fejn ma kienx hemm xi traffiku ta' barra minn normal. Jidher li kien wara dan il- ħin li bdew jiġu rappurtati xi problemi fejn għal ħabta ta' 6:30pm ġie mgħarraf mis-Sindku dwar komunikazzjoni magħha li hemm it-traffiku ggamjat. Għalhekk mar idur mat-toroq biex jifhem x'qed jiġri fejn sab Rue' Dargen mimlija u bosta xufiera kienu qed jipprovaw jgħaddu minn kull triq magħha anke mill- one ways bħal Triq Robert Naudi u l- oħrajn għalhekk kollox kien wieqaf b'vetturi faċċata ta 'xulxin inkluż go Triq San Lwiġi u Triq L-Iskola. Spjega ukoll kif x' ħin niżel lura l-pjazza l-pulizija tat- traffiku talbu sabiex tinfetaħ Triq Ix-xatt ta 'Xbiex sabiex it-traffiku jgħaddi minn Triq Antonio Bosio fejn wieġeb li din fil-fatt suppost hija miftuħa u mhux magħluqa. Il-pulizija fil-pront fetħet it-triq iżda minħabba li kien hemm kif spjegat it-traffiku malajr reġa' waqaf għalhekk kif spjegat qabel ittieħdet id-decizzjoni sabiex tinfetah it-triq għal-Belt Valletta.

Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar ir-rabja li ra jew sema mingħand residenti li f'dak il-mument setta kien eċċessiv iżda anke jifhem minn x'hiex għaddew għax mhux ċajta li tinqabad f'sitwazzjoni simili li f'każ minnhom li jaf bih persuna titlef titjira. Għalhekk kiteb fuq il-medja soċjali dwar dak li gara għax l-iskop tal-attività għal European Mobility Week kien tajjeb u mixtieq, kienet approvata b'mod unanimu mill-kunsill, Kien hemm arranġament tal-immaniġġjar ta' traffiku u saret għax il-proposta ġiet approvata mill- awtorità bil-permessi neċessarji. Għalhekk jidher li fil-ġurnata saru affarijiet mhux kif suppost u għanda ssir komunikazzjoni uffiċjali pubblika sabiex ikun magħruf dan kollu u titlob lill awtorità tispjega x'seghta wassal għal dan kollu.

Is-sur Emanuel Brincat wieġeb li għal mument ma' jaqbilx li jsir komunikat pubbliku iżda jaqbel li għanda ssir komunikazzjoni uffiċjali ma' Transport Malta għal-kjarifika dwar x' wasal għas-sitwazzjoni li kien hemm.

57.4.05 B'referenza għal minuti 56.3.08, dwar SPI/SCI/03/2023, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-attività fejn nġabar ma' tunnellata skart.

57.4.06 B'referenza għal minuti 56.3.09, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti dwar il- laqgħa t'informazzjoni fuq l- iskemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet, fejn ngħata dettalji sabiex il-kunsilli jistudjaw u jippreżentawx proposti li jistgħu jiġu kunsidrati minn Is-sur Charles Selvaggi staqsa dwar x'se jiġri.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet sabiex għal dan is-suġġett ssir laqgħa mhux statutorja sabiex il-kunsilliera jiddiskutu liema huma dawk iz-zoni fil-lokal fejn tista' tiġi implimentata sistemi ta' parkeġġ residenzjali kontrollat bil-ħin.

Saret diskussjoni dwar zoni partikolari li jistgħu jiġu kunsidrati bħal toroq fil viċin tal-Junior College, l-Universita, Triq ix-Xatt Ta' Xbiex, it-toroq wara il-knisja, Misraħ 5 ta 'Ottubru u bosta toroq oħra fejn qed ikun hemm abbuż b'vetturi kummerċjali ta' kumpaniji kbar li qed jitħallew barra mal-lejl u anke f' tmiem il-ġimgħa jew festi. Il-kunsilliera qablu unanimament li sir laqgħa apposta l-għada l-Erbgħa 27 ta 'Settembru fil- 5:00 p.m sabiex jikkunsidraw dwar liema toroq u ħin ta 'parkeġġ kontrollat jistgħu jiġu proposta.

Nota tas-segretarju Eżekuttiv: Għal-laqgħa tal- Erbgħa 27 ta' Settembru kien hemm preżenti s-Sindku Margaret Baldacchino Cefai flimkien mal-kunsilliera Charles Selvaggi, Maurice Agius, Jean Claude Borg, Nicholas J. Chircop, Alfred Farrugia u Renald Camilleri filwaqt li s-sur Emanuel Brincat bagħat kommunikazzjoni bis-suġġerimenti jew proposti tiegħu għal kunsiderazzjoni minħabba li ma' setax jattendi. F'diskussjoni kien hemm diversi toroq jew zoni li ġew kunsidrati fejn unanimament ġie maqbul li 40% tal-parkeġġ għandu jkun kontrollat bil-ħin sabiex tinqeda il-ħtieġa ta' residenti hekk kif muri hawn.

It-toroq Esperanto, Imhallef Paolo Debono, Mons Carmelo Zammit, Triq D'Argen, Upper D'Argen , G. Mitrovich, Makna tas-Serrar, Tabib Robert Naudi, Antonio Bosio, il-Monsinjur Dandria, G Navarro, Knisja, Antonio Sciortino, Mons Falzon, Ta'Xmiexi, L.Zamenhof, Triq it-Torri Msida, Gwann Mamo, Oscar Zammit, G Debono, J Borg, San Guzepp, Bacir, Bordin, il-Wied C/W Kuncizzjoni (il-parkegg hdejn il-Gibjun), Sant Andrija, Mons Innocenz Zammit, Dijonisju Famucelli, it-Torri (Msida/Swatar), Indri Grima, Mons Arturo Bonnici, San Gorg Preca, Is-Swatar, Tas-Sisla u Sann Gwann tal-Ghorghar gew proposti ghall *{120 minutes no return within 1 hour (Mon-Fri)-(8:30am:17:30pm) except for residents permit holder}* Filwaqt li t-toroq Ix-Xatt ta'Xbiex,Clarence u Misrah 5 ta'Ottuburu gew proposti ghall (120 minutes no return within 1 hour (Mon-Sun)-(8:30am:17:30pm) except for residents permit holder}

57.4.08 B'referenza għal minuti 56.4.01, is-Sindku għarraf lill kunsilliera preżenti li nhar is-Sibt 2 ta 'Settembru, is- serata multi kulturali saret kif pjanat fejn l-attendenza kienet tajba ħafna b'kummenti sodisfaċenti sabiex il-quddiem ikun hemm aktar inizjattivi simili.

57.4.09 Is-sur Emanuel Brincat għamel referenza għal minuti 56.4.03, dwar il-bollards li ntalbu lura minn għand l-għaqda tad-dgħajjes, fejn sal-ġurnata dawn għadhom ma' ġewx lura. Hawn spjega li għadda żmien biżżejjed biex jitranġa shutter u talab biex tintbagħat ittra uffiċjali għax ma' jistax jaċetta dan id-dewmien bl-iskuża li ma jistax jagħmel aċċess ġol-garaxx fejn huma maħżuna.

57.4.10 B'referenza għal minuti 56.4.04, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li x-xogħol tal-IM u l-WSC go Triq Clarence, huwa kważi konkluż.

57.4.11 B'referenza għal minuti 56.4.05, Is-sur Charles Selvaggi staqsa dwar ix -xogħol tat-tarmak go Triq ix-Xatt Ta 'Xbiex wara li l-kuntrattur twaqqaf minn Transport Malta minħabba nuqqas t'osservanza għas-sigurtà tat-traffiku. Tkellem ukoll dwar periklu minn ħofra go l-stess triq li mhux mgħotija sew u mdawwra b'xi bollards u staqsa jekk hemmx x' ħaġa aħjar x'jsir bħal tabelli bi vleġġa.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li x-xogħol jinsab wieqaf minħabba rikors mill- kuntrattur kontra Trasport Malta u l-Infrastructure Malta li jinsab għaddej fil-qorti fejn tawgura li tinħeles malajr sabiex ikompli ix-xogħol u tkun lesta it-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar il-pjanċa li saret biex tgħatti il-ħofra li suppost qed hija tqila iżda din xorta qed timxi mad-daqqiet tar-roti tal-vetturi kbar bħal tal-linja meta qed jgħaddu minn fuqha. Għalhekk malli sar jaf ħa' ħsieb mal-ewwel li jsiru xi bollards mimlija bl-ilma ħa' jkunu tqal minħabba ir-riħ u se jara x'jista' jsir aktar sabiex is-sewwieqa jkunu avżati .

57.4.12 B'referenza għal minuti 56.4.08, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-pulizija fil-komunità go L-Imsida se tibda topera mill- uffiċju provdut fil-bini amministrattiv tal-kunsill minn nhar il-Ġimgħa 29 ta 'Settembru.

Is-Sur Charles Selvaggi għamel referenza għal minuti 56.4.08, dwar kemm kien hemm Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kiteb sabiex tinġabar l-informazzjoni li għad m'għandux u spjega li sal-ġurnata għadu ma wasalx il-kampjun msemmi mil-pulizija għalhekk l-aħjar li jsir hu li jaqbad u juża dak li hemm ppublikat fl-ewwel skeda tal-byelaw u jmexxi bl-istampar tal-istickers.

57.4.13 B'referenza għal minuti 56.4.09, Is-sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm x'iżviluppi dwar meta se jibda ix-xogħol fil-parti magħluqa ta' Triq Achille Ferris.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-affarijiet għadhom l-istess bħas-seduta preċedenti.

57.4.14 B'referenza għal minuti 56.4.11 dwar id-dgħajsa li għal bosta ġimgħat baqgħet fuq l-iskall aktar milli kien permess, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li kellu laqgħa mas-sid li ġie infurmat li l-garanzija ġiet ta' '€128 ġiet miżmuma filwaqt li ntalab u għamel il-ħlas ta'€1049.6 bħala penali amministrattiva dovut għax ma' żammx mal ftehim iffirmat minnu. F' istess ħin is-sid wieġeb li qed iħossu aggravat b'deċiżjoni tal-kunsill u li qabbad l-avukat tiegħu biex legalment jikteb dwar l-ilment tiegħu. (Ittra waslet u preżentata dak in-nhar tas-seduta).

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament sabiex l-avukat tal-kunsill jibgħat tweġiba legali.

57.4.15 B'referenza għal minuti 56.5.01 dwar il permess li ssir majalata go Misraħ San Guzepp fuq quddiem nhar l-20 ta' Settembru, s-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li s-Segretarju tal- Għaqda Melita San Guzepp fi tweġiba għal email tal-Kunsill Lokali aċċetta l-kundizzjonijiet diskussi.

57.4.16 B'referenza għal minuti 56.5.02, Is-sur Emanuel Brincat staqsa dwar it-tabella tal-merħba go Swatar.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li għad trid titkellem mal-aġent li jieħu ħsieb sabiex iġib l-approvazzjoni mingħand l-attività kummerċjali li tiffinanzja dawn it-tabelli, izda tista jsir wahda zghira bhal ma diga ghandna.

57.4.18 B'referenza għal minuti 56.5.03, Is-sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar ħsara f' dawl go Triq Oscar Zammit.
Is-sur Emanuel Brincat wieġeb li għadu qed jivverifika dwar il-problema.

**57.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

57.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar ir-rapport tal-istudju għal proġett Slow Streets, (minuti 14.5.19) b'rakkomandazzjonijiet għal numru ta' toroq li ikunu jistgħu jiġu kunsidrati biex jingħalqu temporanjament għall-iskop t'użu aħjar mill-pubbliku waqt ċertu ġranet, ħinijiet jew okkażjonijiet. Hawn għarfet lill-kunsilliera preżenti li f'Ġunju L-AKL sejħet laqgħa ma' numru ta' kunsilli lokali b'relazzjoni mat- tielet sejħa għal fondi Norveġiżi li jistgħu jintużaw għall-proposti sabiex ikunu implimentati bosta miżuri identifikati f'rapporti rispettivi u d-deċiżjoni li jiġu żviluppati skemi dettaljati bil-ħsieb li jiġu implimentati fix-xhur li ġejjin. Wara laqgħa oħra mal- Kunsill Lokali l-Imsida fit-13 ta' Lulju 2023 kien diskuss fid-dettall diversi punti ta' intervent go Triq Mons D'Andrija u Oscar Zammit li jista' jitfassal biex ikun kopert mil-fondi disponibbli konformi mal-kamp ta' applikazzjoni deskritt fil-NFM Small Grant Scheme Guidelines, datat Lulju 2022. Ma' dan kollu is-servizzi professjonali mhux kopert bil-finanzjament liema miżati (€7,500 + VAT) huma bażati fuq ix-xogħol meħtieġ li jinkludi : Pjan propost għaż-żona ta' intervent (sinjali u marki tat-toroq), tpinġijiet dettaljati li juru it-toroq fil-mument u l-proposti bi tpinġijiet ta' sezzjonijiet kif rilevanti, għażliet dettaljati ta 'Urbaniżmu Tattiku kif rilevanti, disinn ġdid ta' sinjali u dettalji kif rilevanti, zvilupp ta' BOQ's u speċifikazzjonijiet tekniċi, tabella Gantt għal perjodu ta' żmien tal-implimentazzjoni għal-proġett u deskrizzjoni qasira tal-intervent. Barra minn hekk, huwa previst li l-laqgħat għandhom isiru kemm mal-LCA, il-kunsill sabiex ikun hemm sanzjoni tal-proposti mfassla u l-awtoritajiet bħal Transport Malta kif jista' jkun meħtieġ sakemm jiġu definiti l-iskemi u l-approvazzjoni meħtieġa.

Il-kunsilliera Preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

57.5.02 B'referenza għall-minuti 23.4.06, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar proposta li kienet saret sabiex Triq Censu Farrugia ssir One Way u fejn TM ma ssibx oġġezzjoni sakemm jkunu osservat il- kummenti jew rakkomandazzjoni tal-awtorità. Fakkret ukoll li l-implimentazzjoni ġiet sospiża temporanjament minħabba il-proġett tal-binja tal-gvern li kien dieħel fit-tieni fażi tiegħu fejn ngħalaq il-ħruġ u sar boundery wall meta waqgħet il- binja biex tiġi wisgħa it-triq li twassal għal Triq il- Wied. Hawn spjegat li minkejja din il-biċċa għada mhux lesta minn dak iż-żmien l-hawn nfetaħ aċċess ieħor għal Triq Dun Andre,għalhekk huwa opportun li b' ftit emendi neċessarji din targa tkun proposta biex tkun implimentata.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew li qed ikun hemm f' Triq Censu Farrugia u qabblu

57.5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saru żewġt sejħiet għal (Services–Tender For A Professional Accountant) u (Tender For the Professional Services of an Architect) li waslu biex jiskadu fl-aħħar ta' Novembru. Għal dawn kien hemm interess minn 6 u 4 applikanti rispettivament li tefgħu l-offerta tagħhom għalhekk fil ġranet li ġejjin se jiġi mgħajjat il-bord sabiex ssir l-evalwazzjoni tagħhom.

57.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar stedina mil-organizzazzjoni Society in Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament il-ħlas msemmi għal kull parteċipant.

57.5.05 Is-sur Jean Claude Borg tkellem dwar it-tiżjin ta' dawl tal-milied għal go Triq D'Argen u ippropona żewġt disinji għal kunsiderazzjoni tal-kunsilliera preżenti biex ikun applikat mill-fond numru 4 għal proġetti b'kollaborazzjoni mill-kunsilli Reġjonali Lvant għas-sena 2023.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il- mejda l-istima li tkopri it-tiżjin ta' dawl go Triq D'Argen (€2500)
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament l-ewwel Disinn (1) .

57.5.06 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar Stickers tal-iskeda għal ġbir ta' skart sabiex jiġu mwaħħla ma' bibien t'appartamenti.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ġa kien hawn stickers u jekk spiċċaw ssir talba ma' Regjun lvant għal aktar.

57.5.07 Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-Pink October sabiex id-dawl tal-Għajn tal-Ħasselin, il-monument tal-ħaddiema u l- faċċata tal-kunsill jixgħel roza.

57.5.08 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-problema rikorrenti ta' drenaġġ go l-iskatepark.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-kunsill ilu għal bosta xhur jagħmel rapporti dwar din il-problema li skond il- WSC hija kawżata minn Blokk t'appartamenti privat li ġew wkoll kemm il-darba rapportata lid-dipartiment tas- sanita. Għalhekk se tipprova tara ma' min aktar tista' twassal dan l-ilment sabiex jekk huwa l-każ is-sidien jieħdu ħsieb jirranġaw is-sistema.

**57.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma' kienx hemm rapporti.

**57.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

57.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-57 ta' ħlasijiet bejn it-30 ta 'Awissu u 26 ta 'Settembru 2023.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda unanimament li ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.

**57.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

57.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis 06:58 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 31 ta' Ottubru fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 31 ta' Ottubru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |